MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-6 ta' April, 2010

Talba Numru. 31/2009

Joseph Zammit
vs
Sonia Sinclair Stevenson

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-18 ta' Settembru 2009, li permezz tieghu l-attur talab lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta' hames mitt Euro (€500), bit-taxxa tal-VAT inkluza, liema ammont huwa bilanc dovut lilu bhala bilanc minn somma akbar ghal xoghol ta' kamra tas-sodda ezegwit mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut stess fil-proprjeta' taghha, liema ammont il-konvenuta irrifjutat li thallsu minkejja li sarulha diversi interpellazzjoni. Bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-kont sad-data tal-effettiv pagament, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra ufficjali numru 132/09 tal-11 ta' Frar 2009. Bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni ;

Il-konvenuta permezz tar-risposta tieghu ipprezentata fil-21 ta' Ottubru 2009, eccepiet :-

‘1. Illi t-talbiet kif dedotti mill-attur huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ;

2. Illi x-xogholijiet li saru mill-attur ma kienux tal-kwalita’ pattwita u ma sarux skond kif tirrikjedi l-arti u s-sengha, u dan l-attur jafu ben tajjeb ghax gie nfurmat permezz ta’ ittra datata 26 ta’ Mejju 2007 – kopja annessa ;

3. Illi inoltre l-attur thallas tax-xoghol li huwa ghamel ;

Ghaldaqstant it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.’ ;

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti ;

Sama’ lid-difensuri tal-partijiet li ttrattaw il-kawza ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi din hija kawza fejn l-attur qieghed jitlob li l-konvenuta tigi kkundannata li thallsu s-somma ta’ hames mitt Euro (€500) bhala bilanc ta’ prezz ta’ xoghol ta’ gwardarobba, *computer desk*, zewg komodini, mera, u xi hgieg li nqata’ ghal fuq il-wicc tal-komodini, li sar mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuta. Ix-xoghol sar u gie konsenjat fi Frar 2007. Il-prezz ta’ dawn il-bicciet tal-ghamara kien ta’ elfejn u hamsa u tmenin Euro u hamsa u disghin cetesimi (€2085.95) inkluza wkoll it-taxxa tal-VAT kif jirrizulta mill-statement tal-kont dokument JZ1, u minn dan l-ammont l-attur kien taha skont lill-konvenuta ta’ €222.45, u l-konvenuta hallset pagament akkont ta’ €1363.50 permezz ta’ zewg pagamenti ta’ €1164.68 fl-1 ta’ Gunju 2007, u ta’ €198.82 fl-24 ta’ April 2008, u halliet il-bilanc ta’ hames mitt Euro (€500) li jifforma l-oggett ta’ din il-kawza, li l-konvenuta rrifjutat li tissaldah mhux minhabba xoghol hazin li sar fuq din l-ghamara, izda minhabba xoghol iehor ta’ zebgha li l-attur kien ghamel f’okkazjoni ohra precedenti meta l-konvenuta kienet inkarigatu jizboghilha l-aperturi tal-post fejn hija ghandha l-*art gallery* taghha u

wara ftit taz-zmien z-zebgha minn fuq dawn l-aperturi kienet bdiet tintrefa’ u titqaxrilha, u l-attur kien baqa’ ma marx jirrangahomlha. Il-konvenuta kienet kostretta li taghmel dan ix-xoghol ta’ tiswija b’haddiehor u ppretendiet li l-ispejjez li nkorriet ruhha fihom biex zebghet mill-gdid il-bibien kellha tnaqqashomlu mill-kont tal-ghamara ;

F'materja t'appalt, kif jidher mill-gurisprudenza in materja, u dan qed jigi rilevat fid-dawl tal-eccezzjonijiet imqajma mill-konvenuta, il-Qrati taghna kellhom okkazzjoni jippronunzjaw ruhhom diversament dwar kwistjonijiet ta` kif kellu jithallas appalt meta x-xoghol ma jkunx sar skond is-sengha u l-arti, u dana skond ic-cirkustanzi partikolari ta' kull kaz. Il-Qrati taghna f'certi kazijiet ordnaw il-hlas ta' prezz tal-appalt stabbilit *a misura* meta kien hemm difett parzjali mhux sostanzjali fix-xoghol, izda awtorizzaw lill-kommittent jirritjeni parti mill-prezz sakemm l-appaltatur isewwi d-difetti. F'kazijiet ohra, fejn ix-xoghol gie ezegwit in parti sewwa u in parti hazin, giet negata lill-appaltatur kull parti mill-prezz fuq il-motiv li x-xoghol ma kienx sar skond ma titlob is-sengha. F'kazijiet ohra, l-Qorti ordnat li titnaqqas, mis-somma li tigi mhallsa, s-somma stmata mill-perit bhala kumpens ghad-difett fix-xoghol [Prim’Awla, **Lawrence Formosa et noe vs Silvio Felice**, 27/06/02; Prim’Awla, **George Sladden vs Lonza Agius**, 27/06/2003]. Mill-provi pero’ jirrizulta li l-konvenuta m’ghandha ebda lment mill-ghamara li hadmilha l-attur u li taghha qed jitlob li jithallas il-bilanc tal-prezz li kien fadallu jigbor minghandha. Fi kliemha stess ‘*with regard to the bedroom furniture I have no objection or complaints*’, pero’ tippretendi li kellha zzommlu dan il-bilanc lill-attur mill-prezz tal-ghamara tas-sodda sakemm jigi u jizboghilha l-aperturi li kien zebhilha f’okkazjoni precedenti u li z-zebgha taghhom kienet bdiet tintrefa’ u titqaxxar ftit wara li kien zebaghhomla l-attur. Fi kliem il-konvenuta ‘*the painting on the apertures was ordered prior to the order of the bedroom furniture …..The order for the bedroom furniture was made at a later stage. In fact the two orders, the one for the painting of the apertures and the one for the furniture, were made at different times. I want to make it clear that the plaintiff did not carry out the paintings of the apertures, but he also manufactured them*

*for me* '.  Il-konvenuta ma kellha ebda dritt li zzomm ebda hlas mill-prezz tal-appalt tal-ghamara tal-kamra tas-sodda la darba minn din il-bicca xoghol partikolari li kien hadmilha l-attur u li taghha huwa kien qed jitlob il-hlas, il-konvenuta ma kellha ebda lment dwar xoghol li sar hazin u mhux skond l-arti u s-sengha, u jekk kellha xi lment dwar xoghol iehor li kien gie appaltat lill-attur f'okkazjonijiet precedenti u li skond hi, kien sar hazin, liema xoghol ma jiffurmax il-meritu ta' din il-kawza, dan ma kienx il-mod li bih kellha timxi l-konvenuta, izda kellha tiehu passi ohra bil-mod li titlob il-ligi ;

It-talba tal-attur ghalhekk tirrizulta gustifikata u timmerita' li tigi milqugha ;

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380 ;

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hames mitt Euro (€500) bhala bilanc ta' prezz ghal xoghol ta' ghamara ghall-kamra tas-sodda li l-attur hadem lill-konvenuta fuq inkarigu taghha, liema ammont jinkludi fih ukoll it-taxxa tal-VAT, bl-imghaxijiet b'effett mid-data tal-ittra ufficjali numru 132/09 tal-11 ta' Frar 2009, sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kontra l-konvenuta nkuzi wkoll l-ispejjez tal-imsemmija ittra uficjali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------